MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 09 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 04 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Marsaskala | Is-Sur Mario Calleja |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku Żejtun | Is-Sa Joan Agius |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 09.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

09.1.1 Il-President informa li rċieva ittri ta' apoloġija mis-Sindki ta' Ħal Għaxaq, Santa Luċija u l-Ħamrun fejn taw ir-raġuni għalfejn ma setgħux jattendu.

09.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-apoloġiji mressqa mill-President.

## 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

09.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tat-tmien (08) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

09.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Mario Calleja u ssekondata mis-Sur Josef Masini Vento, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 09.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Proġett ta’ Wirt Kulturali Reliġjuż**

09.3.1 Il-President irrefera għall-applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill Reġjonali mill-GalXlokk Measure 3 – Promotion of the Cultural Heritage. Il-proġett propost ta’ wirt kulturali reliġjuż għandu bħala lead partner il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa u jinvolvi e-book permezz ta’ mobile app b’ informazzjoni u xeni 3D tal-kappelli li jinsabu fir-Reġjun tan-Nofsinhar. Il-President ħabbar li dan il-proġett kiseb punti tajbin u ġie approvat, għaldaqstant se jkunu qed jibdew il-preparamenti għall-implimentazzjoni tiegħu. Hu qal li se jsiru arranġamenti biex il-kappelli li jaqgħu fl-akwati tal-Marsa, Il-Ħamrun u Santa Venera, jiġu inklużi wkoll, biex il-proġett ikopri l-kappelli kollha li jinsabu fir-reġjun.

**- Proġett tal-Bini Amministrattiv**

09.3.2 Il-President semma’ kif bħalissa t-tim tal-manutenzjoni tal-Kunsill Reġjonali qed iżarma l-istrutturi, finituri u installazzjonijiet antiki li se jkunu qed jinbidlu bl-implimentazzjoni tal-proġett tal-Bini Amministrattiv. Permezz ta’ dan ix-xogħol preparatorju li qed jagħmlu l-ħaddiema tal-manutenzjoni, il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jiffranka madwar għoxrin elf ewro. Il-President żied jgħid li l-perit u l-inġinier waslu biex jikkonkludu fuq l-ispeċifikazzjonijiet li se jiġu inklużi fid-dokumenti tas-sejħiet pubbliċi marbuta mal-proġett.

**- MOU mal-Baned tar-Reġjun**

09.3.3 Il-President semma’ kif l-attività tal-iffirmar tal-MOU mal-baned tar-reġjun li saret fil-jiem li għaddew, ġiet milqugħa tajjeb. Dan jawgura tajjeb, biex fil-futur ikunu jistgħu jsiru proġetti oħra simili ma’ għaqdiet oħra.

**- Proposta għal Programm ta’ Taħriġ għall-Istaff mal-Kunsilli Lokali**

09.3.4 Il-President qal li wara laqgħat li kellhom l-uffiċjali maniġerjali ma’ uffiċjali mill-Jobsplus fejn ġew infurmati li l-Jobsplus jista’ jipprovdi dan il-programm ta’ taħriġ li anke jkun ikkreditat. Hu qal li l-uffiċjali maniġerjali se jkollhom aktar diskussjonijiet mal-Jobsplus, id-DLG u l-AKL fuq din l-inizjattiva, kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-programm ta’ taħriġ u kif dan jista’ jiġi affettwat b’mod konkret u professjonali.

**- Urban Agenda for the EU Partnerships on Greening Cities and Sustainable Tourism**

09.3.5 Il-President qal li matul il-jiem li għaddew, l-uffiċjali maniġerjali kellhom laqgħa ma' uffiċjali mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn ġew infurmati li bħalissa hemm sejħa miftuħa għal partners f'żewġ temi li huma Urban Agenda for EU Thematic Partnership on Sustainable Tourism u Urban Agenda for EU Thematic Partnership on Greening Cities. Dawn il-partnerships jindirizzaw sfidi f'dawn l-oqsma permezz ta' studju fuq titjib tar-regolamenti, żvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni, sapport, innovazzjoni, sorsi ta' fondi, qsim ta' esperjenzi u prattiċi. L-uffiċjali maniġerjali qed iħeġġu lill-Kunsill Reġjonali sabiex jissieħeb f'dawn iż-żewġ partnerships għax dawn huma ideali għal lokalitajiet żgħar u permezz tas-sħubija, il-Kunsilli Lokali fir-reġjun jistgħu jkabbru l-għarfien tagħhom f'dawn iż-żewġ oqsma. Il-President qal li s-sħubija ma tinvolvix ħlas imma tinvolvi l-użu ta' riżorsi umani li jista' jsir permezz tal-uffiċjali maniġerjali. Il-President ippropona li l-Kunsill Reġjonali jissieħeb fiż-żewġ partnerships imsemmija u talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

09.3.6 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Mandati ta' Inibizzjoni fuq is-Sejħa tal-Ġbir tal-Iskart**

09.3.7 Il-President irrefera għaż-żewġ mandati ta' inibizzjoni fuq is-sejħa tal-ġbir tal-iskart u ħabbar li fil-jiem li għaddew, il-Qorti ċaħdet iż-żewġ talbiet bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u rrevokat iż-żewġ digrieti. Għaldaqstant, issa se jkun qed jitkompla l-proċess tas-sejħa pubblika u l-offerti se jkunu qed jinfetħu fit-23 ta' Awwissu 2022.

**- Sejħiet Pubbliċi għal DPO u għal Konsulent Legali**

09.3.8 Il-President qal li ż-żewġ sejħiet pubbliċi, waħda għal servizz ta' DPO u l-oħra għal servizz ta' konsulent legali issa għalqu u l-offerti ġew miftuħa. Ġew sottomessi tmien offerti għal servizz ta' konsulent legali u erba' offerti għal servizz ta' DPO. Fil-jiem li ġejjin se jibda l-proċess tal-evalwazzjoni.

**- Kaleici Old Town Festival**

09.3.9 Il-President irrefera għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill Reġjonali f'dan il-festival li se jkun qed isir f'Ottubru li ġej, u qal li l-Kunsill Reġjonali jrid jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-parteċipanti

ħlief għal persuna waħda. Hu ppropona li jattendu l-President, id-Deputat President u l-uffiċjal maniġerjali tal-kultura.

09.3.10 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Żjara f'Evora**

09.3.11 Il-President semma' li din iż-żjara, li hi parti mill-proġett tal-istrateġija kulturali reġjonali, se tkun iffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti u għaliha jistgħu jattendu tliet persuni. Hu ppropona li jattendu d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, l-uffiċjal maniġerjali tal-kultura u l-uffiċjal maniġerjali responsabbli mill-fondi.

09.3.12 Il-Membri preżenti qablu mal-President b'mod unanimu.

**- Laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża**

09.3.13 Il-President qal li fil-ġimgħat li għaddew, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża iltaqgħet miegħu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-uffiċjali maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali. F'din il-laqgħa ġew diskussi proposti għal proġetti u ħidma kollettiva bejn iż-żewġ partijiet. Il-laqgħa intlaqgħet tajjeb u qed inħarsu 'l quddiem biex insaħħu din il-kooperazzjoni fil-futur.

**- Laqgħa mal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali**

09.3.14 Il-President qal li saret laqgħa oħra simili mal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, li ntlaqgħat tajjeb ukoll. Hu qal li l-Ministru kien kuntent bil-ħidma tat-tim tal-Kunsill Reġjonali u wiegħed li se jkun qed jagħti s-sapport tiegħu ħalli nkomplu ntejbu fuq ir-riżultati pożittivi li ksibna diġà.

## 09.4 Skeda ta' Pagamenti;

09.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 08/22A u 08/22B li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

09.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Josef Masini Vento, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 09.5 Audited Financial Statements 2021;

09.5.1 Il-President qal li l-awdituri reġgħu talbu xi aġġustamenti oħra żgħar fl-audited financial statements 2021 fuq dawk tax-xahar preċedenti u għaldaqstant qed jerġa' jressaq id-dokument mill-ġdid. Hu ta spjega tagħhom u b'sodisfazzjon qal li l-awdituri ma sabu l-ebda nuqqas fil-prattiċi, konformità mar-regolamenti, tranżazzjonijiet u miżappropriјazzjoni.

09.5.2 Fuq mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Azzopardi u ssekondata mis-Sur Steven Grech, il-Membri preżenti approvaw l-Audited Financial Statements 2021 b'mod unanimu.

## 09.6 Affarijiet Oħra;

**- Quarterly Financial Report Jan-Ġun 2022**

09.6.1 Il-President ressaq il-Quarterly Financial Report għall-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2022 li ġie ċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Il-President ta spjega tiegħu u qal li l-Kunsill Reġjonali jinsab f'qagħda finanzjarja soda u kapaċi jimplimenta l-proġetti li għandu ppjanati għaż-żmien li ġej.

09.6.2 Fuq mozzjoni mressqa mis-Sa Maria Magri u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Membri preżenti approvaw unanimament il-Quarterly Financial Report Jan-Mar 2022.

**- Proposta għal Skema ta' Għajnuna Finanzjarja**

09.6.3 Il-President ippropona skema ta' għajnuna finanzjarja mmirata għall-Kunsilli Lokali fir-reġjun sabiex itellgħu attivitajiet marbuta mal-arti u l-kultura sal-aħħar ta' din is-sena. Hu qal li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu anke jutilizzaw il-fondi sabiex jiġu mżejna toroq u pjazez fi żmien il-Milied, minflok. Il-President ippropona li kull Kunsill Lokali jkun jista' jibbenefika sa elf u ħamess mitt ewro (€1,500) minn din l-iskema. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

09.6.4 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet Isbaħ u Aktar b'Saħħithom**

09.6.5 Il-President irrefera għall-iskema finanzjarja inkluħa fiċ-Ċirkulari numru SPI/SCI/9/2022 li ntbagħtet lill-Kunsilli Lokali mid-DLG. Hu ppreżenta dokument bi proposta imħejjija mill-uffiċjal maniġerjali tal-ambjent dwar proġett ta' smart playing fields u qal li l-Kunsilli Lokali jistgħu jibbenefikaw mill-fondi taħt din l-iskema sabiex jimplimentaw proġett simili fil-lokalità tagħhom. Il-President qal li t-tim tal-uffiċjali maniġerjali se jkun qed jassisti lil dwak il-Kunsilli Lokali interessati li japplikaw għal dan il-proġett taħt din l-iskema fit-tfassil tal-applikazzjoni, fix-xogħol amministrattiv u fl-implimentazzjoni tal-proġett. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

09.6.6 Il-Membri preżenti approvaw din il-proposta.

## 09.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

09.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.55 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 15 ta' Settembru 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |